MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2009

Citazzjoni Numru. 61/2009

Lorenza Bartolo

vs

Direttur Reġistru Pubbliku għal Għawdex, u
L-avukat Generali għal kull interess li jista’ jkollu

Il-Qorti;

Rat ir-rikors ġuramentat ta’ Lorenza Bartolo, li permezz tiegħu, wara li ppremettiet;

1. Illi fiċ-ċertifikat tat-twelid ta’ l-attriċi li jġib in-numru 277/44 hawn anness u market bħala dok ‘A’ fil-kolonna ‘Ismijiet mogħtijin/Names Given’ hemm imniżżel l-isem Wenza kif ukoll fil-kolonna ‘isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejjħa/Name or names by which the child is to be called’ ukoll hemm imniżżelk l-isem ‘Wenza’;

2. Illi in forza ta’ sentenza ta’ din l-Onorabbli Qorti tas-17 ta’ Ġunju 2009 rikors ġuramentat nru: 31/2009 Pc hawn annessa u markata bħala dok ‘B’. ġiet ordnata l-korrezzjoni fis-sens li a rigward fil-kolonna ‘Ismijiet mogħtijin/Names Given’ l-isem Wenza ġie kkanċellat u sostitwit bl-isem ‘Lorenza’ filwaqt li a rigward il-kolonna ‘isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejjħa/Name or names by which the child is to be called’ ġiet ordnata korrezzjoni fis-sens li l-isem Wenza jigi kanċellat u sistitwit bl-isem ‘Lora’;

3. Illi minkejja li ġiet intavolata l-kawża fuq imsemmija mill-liema sentenza ukoll jirriżulta li l-attriċi dejjem kienet magħrufa bħala ‘Lorenza’ kif jirriżulta ukoll mill-elenku ta’ ċertifikati msemmija fl-istess sentenza, għal xi raġuni jew oħra ntalab ukoll iż-żieda ta’ l-isem ‘Lora’ liema talba ma saritx fuq struzzjonijiet ta’ l-attriċi u saret taf b’dan il-fatt biss wara li ħareġ iċ-ċertifikat hawn anness bħala dok ‘A’;

4. Illi isem l-attriċi huwa ‘Lorenza’ u mhux ‘Wenza’ jew ‘Lora’ u allura kull fejn hemm l-isem ‘Lora’ dan għandu jiġi korrett u sostitwit bl-isem ta’ ‘Lorenza’ u dan qed jingħad senjatament a rigward il-kolonna ‘Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejjħa/name or names by which the child is to be called’.

Tablet lil din il-Qorti tordna l-korrezzjoni ta’ l-att tat-twelid anness numru 277/1944 fejn fil-kolonna intestate ‘Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejjħa/Name or names by which the child is to be called’ għandu jitniżżel l-isem ta’ ‘Lorenza’ u mhux ‘Lora’.

Bl-ispejjeż u bil-konvenut minn issa nġunt in subizzjoni.

Rat ukoll id-dokument ‘A’ li huwa kopja vera ta’ l-att tat-twelid tar-rikorrenti;

Rat ukoll ir-risposta ġuramentata tal-konvenut, li permezz tagħha eċċepixxa;

1. Illi fl-ewwel lok l-esponenti ma hux jopponi ruħu għall-korrezzjoni mitluba.

2. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-ispejjeż ta' dan ir-rikors għandhom jiġu sopportati unikament mir-rikorrenti, peress illi hi qegħda titlob korrezzjoni ta' annotazzjoni illi kienet saret wara talba minnha stess fir-rikors numru 31/2009, u għalhekk qegħda tipprova tikkoreġi żbalji dwaqr isimha illi saru unikament tort tagħha stess.

Il-Qorti, billi jidhrilha illi t-talba attriċi hija ġustifikat, tiddeċidi l-kawża billi tilqa' l-istess talba attriċi, u tordna l-korrezzjoni ta' l-att tat-twelid numru 277/1944, fejn fil-kolonna intestate 'Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejjħa/Name or names by which the child is to be called' għandu jitnizzel l-isem ta' Lorenza u mhux Lora.

Minħabba n-natura ta' din il-kawża ma għandux ikun hemm spejjeż.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------